MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 1086/2013

**Olvin Mangion (I.D. Nru. 473058M) ezercitanti l-kummerc taht l-isem Pool & Spa**

***kontra***

**Michael Wain Brocklehurst, Passaport Ingliz Nru. 800644165, u martu Denise Gaik Choo Brocklehurst, Passaport Ingliz Nru. 704150496**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-12 ta` Novembru 2013 li jaqra hekk–

*1. Illi r-rikorrent kien inkarigat mill-intimati jaghmel xogholijiet ta` finishing fuq il-pixxina illi tinsab fi proprjeta` appartenenti lill-istess intimati – u cioe` l-appartament penthouse, internament immarkat bin-numru zero wiehed zero (101), illi jinsab fuq livell ghaxra (10), u cioe` d-disa` (9) livell ikkalkulat min-naha tal-Marina, formanti parti minn blokk ta` sbatax-il (17) appartament u penthouse maghrufa bhala Blokk Ghoxrin (20), accessibbli minn Vjal Portomaso fl-izvilupp ta` Portomaso, illi jaghti ghal Triq il-Knisja, San Giljan;*

*2. Illi l-intimati huma debituri tar-rikorrent fl-ammont ta` hdax-il elf, seba` mija u hamsa u tletin Euro (€11,735) rapprezentanti l-bilanc rimanenti minn somma akbar ta` tlieta u ghoxrin elf, erba` mija u sebghin Euro (€23,470) minnhom dovuta bhala hlas ghax-xogholijiet su-riferiti mwettqa mir-rikorrent fuq inkarigu tal-istess intimati, u kif ukoll ghal materjali lilhom mibjugha u kkonsenjati, u dan kollu abbazi tal-istima datata l-11 ta` Mejju 2009 u tal-korrispondenza datata l-14 ta` Mejju 2009 (hawn annessi u flimkien immarkati bhala **Dok A**);*

*3. Illi s-somma hekk dovuta mill-intimati tirrizulta wkoll mill-Istatement of Account hawn anness u – flimkien ma` kopja tac-cekk (HSBC) datat it-13 ta` Mejju 2009 rapprezentanti l-pagament maghmul mill-istess intimati akkont – immarkat bhala **Dok B**);*

*4. Illi nonostante diversi nterpellazzjonijiet lill-intimati sabiex jeffettwaw il-pagament su-riferit hekk kif minnhom dovut dawn am rrispondewx*

*u baqghu inadempjenti, b`dan illi l-ammont ta` hdax-il elf, seba` mija u hamsa u tletin Euro (€11,735) ghadu dovut, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

***Ghaldaqstant**, ir-rikorrent qieghed umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati huma debituri tar-rikorrent fis-somma ta` hdax-il elf, seba` mija u hamsa u tletin Euro (€11,735), kif hawn fuq spjegat u ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati.*

*3. Tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta` hdax-il elf, seba` mija u hamsa u tletin Euro (€11,735).*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-Mandat ta` Inibizzjoni pprezentat kontestwalment, u bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bir-riserva ghal kull azzjoni ohra li tista` tispetta lir-rikorrent.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Dicembru 2013 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta` Jannar 2014 fid-09:00am.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Marzu 2014 fejn peress illi ma kienx sodisfatt il-vot tal-Art. 169 tal-Kap. 12, il-Qorti kompliet tqis dan il-procediment mhux bhala wiehed bil-procedura sommarja specjali izda bhala procediment ordinarju.

Rat illi l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta guramentata.

Rat illi l-konvenuti baqghu ma dehrux ghall-udjenzi ta` wara n-notifika taghhom, inkluza l-udjenza tal-lum.

Semghet ix-xhieda tal-attur fl-udjenza tal-lum, u rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenuti, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:**

**(1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba;**

**(2) Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-attur fis-somma ta` hdax-il elf, seba` mija u hamsa u tletin Euro (€11,735);**

**(3) Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta` hdax-il elf, seba` mija u hamsa u tletin Euro (€11,735), bl-imghax legali b`effett mit-12 ta` Novembru 2013 sad-data tal-effettiv pagament;**

**(4) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------